MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1215/2012

**Il-Pulizja**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Samuel Cortis**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Samuel Cortis ta' 23 sena iben Stephen u Amanda xebba Barton, imwieled il-Pieta' nhar il- 21 ta' Lulju 1989 u residenti 20, Dawret il-Wied, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita numru 326889(M) gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Novembru 2012 ghall-habta ta' 3:30am, gewwa San Giljan:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzaghhom

jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel reżistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema l-ammont tal-hsara ma jiskorrix it-tlieta u għoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ghad- detriment tal- Gvern ta’ Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ probation jew matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tal-15 ta’ Jannar 2013 li jinsab *a folio* 38 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tat-8 ta’ Ottubru 2013 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Rat li fl-istess udjenza saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, u id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi fit-18 ta` Novtembru 2012, ghall-habta tat-3.30am, waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu xi spezzjonijiet fl-istabbiliment bl-isem ‘Koyote’, f’San Giljan, l-imputat intlemah fit-*toilet* jarmi xi haga minn idejh li kienet suspettata droga. Meta huwa legittimament kien qieghed jigi arrestat, ghamel resistenza u f’dan il-waqt il-qalziet ta` Spettur tal-Pulizija gie mqatta. Waqt din ir-resistenza, l-imputat u xi pulizija waqghu mal-art. Il-pulizija ppruvaw jikkalmawh u mbaghad ittiehed gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta` San Giljan ghal aktar investigazzjonijiet. Sussegwentement huwa rrilaxxja stqarrija lill-pulizija.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni tieghu waqt dawn il-proceduri, u l-apologija pubblika li huwa ghamel lill-pulizija involuti f’dan il-kaz fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2013; il-fatt ukoll, mhux ta` ftit importanza, li din hija t-tieni okkazjoni li fiha l-imputat xellef idejh mal-gustizzja - fatt li, ghal din il-Qorti, ifisser li issa l-imputat irid jinghata piena tali li tirrifletti sew dak li ghamel u li ghandha zzommu fuq ix-xwiek – li jekk jerga jikkommetti reat iehor f’terminu

preskritt, ikun qed jiffaccja l-prigunerija effettiva. Din il-Qorti ukoll qed titratta mal-hati skond l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi fid-dawl ta` dan kollu, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Ghall-dawn il-mottivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 31, 95, 96(a), 325(1)(d), 338(dd), 338(ee), 339(1)(e) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, ssib lil Samuel Cortis hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal piena ta` prigunerija ta` sena izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------